MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 253/2004

**Gemma Montebello u Angela Scicluna**

**vs**

**Emanuel Spiteri**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut li fi zmien qasir u perentorju li tipprefiggilu din il-Qorti jizgombra mill-fond numru 5, Sebastian Lane, Zejtun, li huwa qed jokkupa minghajr titolu validu fil-ligi u jikkonsenjalhom ic-cwievet ta’ l-istess post battal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Novembru, 2003, kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza gie dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond imsemmi ma jeddecix hamsin lira Maltin (Lm 50) fis-sena.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta’ Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, tipprefiggi terminu ta’ xahrejn sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond 5, Sebastian Lane, Zejtun, u jikkonsejalhom ic-cwievet ta’ l-istess post battal, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------